

# Kuntatt

## mal-iskola ta' wliedkom

JANNAR - APRIL 2016

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

**Id-dixxiplina pożittiva fl-iskola**

Dan l-aħħar kont qed insegwi diskors ta' Kap ta' skola Amerikana. Kienet qed titkellem dwar x'inhuma dawk il-karatteristiċi li jagħmlu skola b'saħħitha. Semmiet diversi affarijiet fosthom l-ambjent tal-iskola - ambjent li jilqgħek u jgiegħlek tħossok komdu; l-infrastruttura tal-iskola - il-fatt li l-iskola tkun attrezzata b'dak kollu meħtieġ: id-dedikazzjoni tal-għalliema, iżda fuq kollox semmiet l-importanza tal-konsistenza tat-tim tat-tmexxija favur dixxiplina pożittiva.

Ma stajtx ma naqbilx u ma narax xebh mal-iskola tagħna. Bla tlaqliq nistqarr li s-sigriet tas-suċċess tal-iskola tagħna huwa d-dixxiplina. Hija dik il-kodiċi ta' mġieba li ma titgħawwiġx, li mhix negozzjabbli, l-istess għal kulħadd bil-għan mhux li tgħakkes lill-istudenti iżda li tippromwovi mġiba pożittiva dejjem u kullimkien.



Nammetti li xi studenti jilmentaw dwar dan. Kemm-il darba jistaqsu għaliex għandhom isegwu r-regoli, għaliex daqstant konsegwenzi, għaliex ma jistgħux jagħmlu li jridu. Huma jistaqsu u min-naħa tagħna ma niddejqu xejn niddedikaw il-ħin kollu li hemm bżonn sabiex inwieġbu dawn il-mistoqsijiet bl-ikbar onestà, ħafna drabi mill-esperjenzi tal-ħajja tagħna stess. Ma nixbgħu qatt insostnu l-valuri tal-integrità, tal-onestà u tal-perseveranza fost l-istudenti tagħna filwaqt li nfakkruhom kontinwament dwar l-importanza tal-edukazzjoni u kif din tista' tibdlilhom ħajjithom.

*...kompli fuq paġna 3*



**Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja, Ħal Kirkop**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427 🖷 21642423
✉ sbc.kirkop.bs@gov.mt
💻 http://www.kulleggsanbenedittubs.com

## Waslu l-Eżamijiet

Għal ħafna studenti l-Karnival huwa żmien ta' divertiment filwaqt li l-eżamijiet huma żmien ta' sagrifiċċji u studju. Din is-sena l-eżamijiet se jibdew eżatt wara l-vaganzi tal-Karnival. Għalhekk huwa tajjeb li tittieħħed l-opportunità biex f'dawn il-jiem ta' qabel l-eżamijiet isir l-istudju meħtieġ ħalli l-istudenti jkunu ppreparati.



F'dan iż-żmien li ninsabu fih, l-istudenti jisimgħu il-kelma studju kemm-il darba. Dan għaliex kemm min-naħa tal-iskola kif ukoll mid-dar, huma jiġu mħeġġa biex jieħdu l-istudju tagħhom bis-serjetà. Għall-istudenti dan kollu jista' jfisser pressjoni żejda fuqhom. Imma dan jiġri għaliex ma jifhmux li l-iskop tal-eżamijiet hu biex jitfa' dawl fuq kif sejrin fis-suġġetti: dak li sejjer tajjeb irid jinżamm u dak li hu sejjer ħażin irid jitranġa.

Studju bis-serjetà m'għandux jibda fl-aħħar ftit ġranet qabel l-eżamijiet jew saħansitra lejlet l-eżamijiet. L-istudju għandu jsir bi pjan matul is-sena skolastika kollha. Dan billi l-istudenti jippjanaw liema suġġetti se jistudjaw għal kull jum tal-ġimgħa u b'liema mod se jistudjawhom. B'dan il-mod, jekk waqt l-istudju l-istudenti jsibu xi diffikultà, ikunu jistgħu jmorru għand l-għalliem/a tagħhom sabiex jiċċaraw dak li ma jkunux fehmu. Studenti maturi li jridu jistudjaw bis-serjetà m'għandhomx iħallu ħdejhom affarijiet li jistgħu jtellfuhom waqt il-ħin tal-istudju. Tajjeb ukoll li meta l-istudenti jkunu se jistudjaw iktar minn suġġett wieħed fl-istess jum, jieħdu brejk qasir bejniethom. Ladarba l-istudenti jikkonvinċu ruħhom li dak li qed jagħmlu huwa għalihom u jidħlu f'rutina serja ta' studju, dan m'għandux jibqa' xi ħaġa ta' barra minn hawn.

Hemm affarijiet oħra li jimxu id f'id mal-istudju. Tajjeb li nsemmu x-xogħol li jingħata għad-dar. Bix-xogħol li jkollhom għad-dar, l-istudenti se jerġgħu jirrevedu dak li jkunu għamlu fil-klassi. Għalhekk ix-xogħol li jingħata għad-dar ukoll għandu jieħu l-ħin tiegħu u jsir b'attenzjoni għaliex dan ukoll huwa tip ta' studju. Hemm ukoll l-attenzjoni fil-klassi. L-istudenti għandhom joqogħdu attenti u juru interess billi jipparteċipaw fil-lezzjoni.

Għajnuna kbira li tgħin lill-istudenti waqt l-istudju hi li jaħdmu l-*past papers*. Dawn jistgħu jitniżżlu mill-websajt tal-iskola www.kulleggsanbenedittubs.com/.






..ikompli fuq paġna 3

...ikompli minn paġna 2



Għal dakinhar tal-eżami hemm xi affarijiet oħra li għalkemm bażiċi l-istudenti kultant ma jagħtux kashom. Fost l-oħrajn, trid tkun taf liema hu l-eżami li għandek f'dik il-ġurnata partikulari, il-klassi li trid tmur fiha u xi trid tieħu miegħek għal dak l-eżami. Hu importanti li timla l-karta kollha. Tagħmel tajjeb li tieħu arloġġ biex tqassam il-ħin tajjeb. Taħlix ħin fuq dak li ma tkunx taf twieġeb. Ħallih għall-aħħar u mbagħad prova wieġeb mill-aħjar li tista', imma mhux tikteb il-ħmerijiet. Jekk tkun lest qabel ma jkun għadda l-ħin tal-eżami tagħmel tajjeb li tiċċekkja sew dak li tkun għamilt.

Dak li tiżra' taħsad jgħid il-qawl Malti. Jekk tieħu l-affarijiet bis-serjetà billi tistudja u tagħmel xogħlok sew taf li ċ-ċans huwa li jkollok riżultati tajbin, tħossok sodisfatt u fuq kollox tkun qiegħed fit-triq tas-suċċess.

*Is-Sur W. Incorvaja*
Għalliem

...ikompli minn paġna 1

Nemmnu li għandna dejjem nimmotivaw lill-istudenti tagħna bit-tama ta' futur aħjar filwaqt li nħeġġuhom sabiex jilħqu l-milja tal-potenzjal tagħhom. Dan id-djalogu, filwaqt li jgħin sabiex jiċċara xi ideat żbaljati li l-istudent jista' jkollu, huwa tagħlim tal-ħajja fih innifsu.

Niddedikaw daqstant ħin u enerġija għax kontinwament inżommu f'moħħna li quddiemna għandna tfal. Tfal li jista' jkun għaddejjin minn problemi li aħna fortunatament nistgħu biss noħolmuhom, tfal li minkejja l-età tagħhom diġà mġarrbin b'dak li d-dinja tal-lum toffrilhom.

Finalment is-sodisfazzjon tat-tim tat-tmexxija u tat-tim li jippromwovi d-dixxiplina fl-iskola huwa l-konvinzjoni li dak li qed niżirgħu llum għad taħsdu s-socjetà għada. Bla ma nistennew il-grazzi, ix-xewqa tagħna hi li la jikbru, jekk mhux fl-immedjat, l-istudenti tagħna għad iħarsu lura lejna b'rispett għal dak kollu li wettaqna matul żgħożithom.

*Is-Sur M. Bondin*
Kap tal-Iskola

# TKABBIR TA' ŻEBBUĠ U PRODUZZJONI TA' ŻEJT



Madwar l-iskola tagħna għandna mħawlin numru ta' siġar fosthom siġar taż-żebbuġ. L-għalliema tax-Xjenza, is-Sa R.Gauci, flimkien mal-istudenti tas-Seba' Sena tal-grupp tal-Core Curriculum Programme, ħarġu bl-idea li jiġbru ż-żebbug mis-siġar biex jipproduċu ż-żejt.

L-istudenti ħadmu flimkien biex din l-attività tkun suċċess. Min ħa ħsieb biex jinqata' ż-żebbug, min ġabru fil-bramel u min poġġieh fuq liżar biex ma jinxifx.



Wara, l-għalliema, is-Sa R.Bugeja Muscat, organizzat ħarġa għal fabbrika fejn jagħsru ż-żebbuġ. L-istudenti tat-Tielet Sena tas-CCP, raw il-proċess ta' kif iż-żejt joħroġ miż-żebbuġ permezz ta' makkinarju speċjalizzat.

Iż-żejt issaffa u tpoġġa fi fliexken żgħar b'kulur skur u f'volum ta' 250ml. L-istess studenti flimkien mal-għalliema tal-Computer iddisinjaw u pprintjaw tabelli għall-fliexken. Iż-żejt ingħata l-isem Benedictus Olive Oil.



Tabella magħmula minn injam maqtugħ b'*laser machine* twaħħlet ma' għonq il-flixkun. Il-fliexken intużaw biex tpoġġew f'*hampers* li inkludew ħxejjex friski mkabbra, fil-ġnien tal-iskola minn xi wħud mill-istess grupp ta' studenti .



Din l-attività għenet biex l-istudenti jkollhom sehem attiv fi proġetti manwali waqt li tathom opportunità jaħdmu flimkien bħala grupp. Kien ta' sodisfazzjon kbir għall-istudenti li jaraw ir-riżultat tal-ħidma tagħhom fi prodott tipiku Malti ġenwin.


*Is-Sa D. Mallia*

*Is-Sa R. Bugeja Muscat*

Għalliema

## PROGRAMM IEĦOR IMĦADDAN MILL-ISKOLA TAGĦNA



Din is-sena, l-iskola tagħna, flimkien ma' sitt skejjel oħra minn madwar Malta, qiegħda tħaddan il-programm tal-Prince's Trust International, programm li jgħin lill-istudenti fil-qasam edukattiv  billi jippreparahom aħjar għad-dinja tax-xogħol. Fil-fatt, Malta, permezz tal-Fondazzjoni HSBC Malta, saret l-ewwel pajjiż barra r-Renju Unit li introduċiet dan il-programm edukattiv fl-iskejjel sekondarji tagħha. Dan il-programm li huwa ppatroċinat mill-Prinċep Karlu ta' Wales, huwa impenjat biex jgħin lil żgħażagħ ta' bejn it-13 u d-19-il sena biex jiksbu edukazzjoni, taħriġ u impjieg. L-iskop tal-Prince's Trust International huwa li jagħti opportunità lil numru ta' studenti biex jiżviluppaw u jsaħħu  l-ħiliet u l-motivazzjoni tagħhom f'diversi aspetti permezz ta' tagħlim informali. Dan il-programm ġie mniedi uffiċjalment ġewwa Malta mill-Prinċep Karlu nnifsu, nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru, 2015. Żewġ studenti tat-Tielet Sena, Andrè Spiteri u Kurt Cutajar, flimkien mal-Assistenta Kap is-Sa Maureen Amoroso, li hija l-koordinatriċi ta'dan il-programm, kienu preżenti għal din l-okkażjoni.



Din is-sena, ġewwa l-iskola tagħna, għandna 30 student li qegħdin jipparteċipaw f'dan il-programm. Huma, flimkien mal-għalliema tagħhom, qegħdin jaħdmu fuq diversi aspetti li joffri dan il-programm, fosthom proġett għall-komunità, esperjenza fuq postijiet tax-xogħol, attivitajiet ta' *team building* u *powerpoints* fuq diversi suġġetti ta' interess. Fil-proġett tal-komunità, numru ta' studenti qegħdin jaħdmu fuq proġetti differenti li jistgħu jgħinu kemm lill-komunità tal-iskola kif ukoll lill-komunità tal-madwar. Wieħed minn dawn il-proġetti huwa proprju l-*gardening project*, fejn spazju mill-iskola nbidel f'ġardina fejn l-istudenti qegħdin jieħdu ħsieb taż-żrigħ u t-tkabbir ta' numru ta' prodotti.



..ikompli fuq paġna 6

*...ikompli minn paġna 5*

Barra li jsebbħu l-ambjent tal-iskola, dawn il-prodotti qegħdin jintużaw fil-preparament tal-ikel li jiġi ppreparat fit-*tuck shop* tal-iskola tagħna stess (bħala parti mill-*healthy eating policy* li tħaddan l-skola), kif ukoll qiegħed ikollna bejgħ regolari tal-prodotti lill-*istaff* tal-iskola u lill-istudenti stess. Fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied, ippreżentajna *hamper* b'dawn il-prodotti lill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, l-Onorevoli Evarist Bartolo, li apprezza immens dan il-ġest li jirrifletti l-ħidma kontinwa tal-għalliema u l-istudenti tagħna. Aktar 'il quddiem *hampers* simili ser jingħataw lill-familji fil-bżonn fil-komunità. B'hekk nistgħu ngħidu li grazzi għal dan il-proġett, verament qiegħda tintlaħaq il-komunità tal-iskola u tal-madwar.



*Is-Sa M. Amoroso*
Assistenta Kap

Jekk għandek Facebook account
tista' tingħaqad magħna billi tfittex….

# Benedittu Social



# ATTIVITAJIET RELIĠJUŻI FL-EWWEL TERM TAL-ISKOLA

Tul is-sena skolastika jiġu organizzati diversi attivitajiet reliġjużi u spiritwali biex nagħtu lill-istudenti fdati f'idejna edukazzjoni sħiħa.

Fit-8 ta' Ottubru l-istudenti kollha flimkien mal-għalliema u l-komunità skolastika nġabret flimkien għall-quddiesa tal-bidu tas-sena, fejn flimkien għidna grazzi lil Alla wara l-vaganzi tas-sajf u tlabna biex ikollna sena akkademika tajba. Permezz ta' din iċ-ċelebrazzjoni tajna merħba lil Dun George Schembri bħala direttur spiritwali ġdid.

Fit-3 ta' Diċembru saret quddiesa għall-istudenti tal-Year 8 biex niċċelebraw is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof li kienu għadhom kif irċevew ftit tal-jiem qabel fil-parroċċi rispettivi tagħhom. Għal din il-quddiesa kienu preżenti numru kbir u sabiħ ta' ġenituri. Bħala tifkira kull tifel u tifla ingħata salib u ktejjeb tat-talb.

Il-kompetizzjonijiet annwali tal-presepji u kartolini tal-Milied kellhom parteċipazzjoni numeruża u ta' livell tant li min iġġudika kellu tassew biċċa xogħol diffiċli. Ġew ippremjati l-aħjar tliet parteċipanti u ngħata ċertifikat lil kull min ħa sehem f'dawn il-kompetizzjonijiet. Dawn ġew ippreżentati matul is-Serata tal-Milied li ġiet organizzata t-Tnejn 7 ta' Diċembru fis-sala tal-iskola.

Fil-21 ta' Diċembru iċċelebrajna flimkien il-quddies tal-Milied. Fl-aħħar tal-quddies il-Kap tal-iskola, is-Sur Michael Bondin ippreżenta tifkira lil Dun Roderick Camilleri li temm il-ħidma tiegħu bħala direttur spiritwali fl-iskola tagħna. Nawguraw lil Dun Roderick għall-ħidma ġdida tiegħu bħala Kappillan tal-parroċċa ta' Wied il-Għajn. Grazzi Dun Roderick!





Ta' min ifakkar li ta' kull nhar ta' Ħamis, fis-7.25 ta' filgħodu ikun hemm quddiesa fil-kappella tal-iskola, li fiha jipparteċipaw u janimaw numru sabiħ ta' studenti.

Grazzi lil dawk kollha li jagħmlu dawn l-attivitajiet possibbli u nawguralkom is-sena t-tajba.

*Is-Sur M. Borg*
F'isem id-Dipartiment tar-Reliġjon

# IL-PANTOMIMA ROBIN HOOD



Għaxar snin ta' avventuri għaddew u ħallew memorji tassew sbieħ. Kemm ilha mwaqqfa l-iskola tagħna, ittellgħu għaxar pantomimi. Bdejna mix-xejn. Kienet biss reċta żgħira fuq pjattaforma fil-*foyer* tal-iskola. Għaldaqstant dejjem ħarisna 'l quddiem u ftit ftit għamilna avvanzi kbar. Hekk Robin Hood irnexxielu jiċċelebra dan l-anniversarju bil-kbir. Kienet l-akbar pantomima li qatt tella' Benedittu Productions s'issa. L-akbar minn kull lat li jinkludi: sett, parteċipanti, kostumi, rappreżentazzjonijiet, attendenza u b'wiċċna minn quddiem ngħidu anke kummenti pożittivi. Dan kien kollu dovut għall-ħidma kbira ta' tim ta' nies li jinkludu għalliema, LSAs, staff ieħor kif ukoll studenti li għal ħinijiet twal ħadmu bla heda fuq din il-produzzjoni. Ma' dawn irrid insemmi l-appoġġ kbir li dejjem tana s-surmast tal-iskola flimkien mal-Assistenti Kapijiet. Mingħajr l-għajnuna u s-sapport tagħhom żgur ma kienx ikun possibbli li naslu sa fejn wasalna. Iżda l-akbar sapport bla dubju kien tagħkom. Kontu 5500 ruħ li ġejtu tarawna. Kull darba ppakkjajtu s-sala tagħna u flimkien magħna gawdejtu din l-avventura tagħna. Grazzi u grazzi mill-qalb. Intom timlewna b'aktar enerġija u entużjażmu għall- produzzjonijiet oħra fil-futur. Fil-fatt diġà bdejna naħdmu fuq il-produzzjoni li jmiss: L-Iljun Sultan, dramm mużikali bbażat fuq The Lion King b'addattament bil-Malti ta' Trevor Żahra. Din ser tittella' fl-okkażjoni ta' Jum iċ-Ċelebrazzjoni li ser tkun matul l-ewwel ġimgħa ta' Mejju. Barra minn hekk f'moħħna diġà beda jberren ukoll it-titlu tal-Pantomima tas-sena d-dieħla. Imma mhux ser ngħidulkom għalissa. Inħallukom ftit bil-kurżità.



Grazzi u ibqgħu segwu s-sit tal-*facebook* Benedittu Productions għal aktar dettalji.
Narawkom.

*Is-Sur K. Scicluna*
Direttur



# KALENDARJU UFFIĊJALI*

| Frar 2016 | |
|---|---|
| 2 | Sessjoni PD għall-għalliema (wara l-ħin tal-iskola) |
| 8 - 9 | Vaganzi tal-Karnival |
| 10 | Festa Pubblika |
| 11 - 24 | Eżamijiet ta' Nofs is-Sena |
| 25 | Ħarġa tal-Istorja għall-istudenti tat-8 Sena |
| 26 | Taħdita dwar l-Edukazzjoni Post-Sekondarja għall-ġenituri tal-istudenti tal-5 Sena |
| 29 | Eżerċizzi spiritwali għall-istudenti tas-7 u t-8 Sena) |
| | *Trekking* għall-istudenti tat-3 Sena |

| Marzu 2016 | |
|---|---|
| 1 - 4 | Eżerċizzi spiritwali għall-istudenti tas-7 u t-8 Sena |
| 1 | Żjara fl-MCAST (Satellite Institute) għall-istudenti tal-5 Sena |
| 2 | *Spellathon* għall-istudenti tal-Franċiż tat-8 Sena |
| | Żjara fl-ITS għal selezzjoni ta' studenti tal-5 Sena |
| 3 | Żjara sal-Birgu għall-istudenti tat-3 Sena tal-Istorja *option* |
| | Taħdita għall-istudenti tal-5 Sena mill-Police Drug Squad |
| 7 - 11 | Eżerċizzi spiritwali għall-istudenti tar-4 u l-5 Sena |
| | Eżerċizzi spiritwali għall-istudenti tat-3 Sena |
| 9 | *Fieldwork* għall-istudenti tal-Ġografija u Studji Ewropej *option* |
| | *Spellathon* għall-istudenti tal-Franċiż tat-8 Sena |
| 16 | Fire Drill |
| | Ħarġa sa Għar Dalam u l-Uffiċċju Meteoroloġiku għall-istudenti tal-Ġografija u Studji Ewropej *option* |
| | *Spellathon* għall-istudenti tal-Franċiż tar-4 Sena |
| 17 | Żjara fiċ-Ċentru Nazzjonali għat-Trasfużjoni tad-Demm għall-istudenti tar-4 Sena tal-Bijoloġija *option* |
| | *Fieldwork* f'Għajn Tuffieħa għall-istudenti tat-3 Sena tal-Ġografija *option* u CCP |
| | Ġurnata Ewkaristika |

*...ikompli fuq paġna 10*



*N.B. Il-programm jista' jinbidel matul is-sena skolastika skont il-ħtieġa.

*...ikompli minn paġna 9*

| Marzu 2016 | |
|---|---|
| 18 | Ċelebrazzjoni ta' Jum id-Duluri |
| 21 | SDP għall-għalliema (skola tispiċċa f'12.00) |
| 22 | Jum il-Ġenituri |
| | Francofête (selezzjoni ta' studenti tal-Franċiż) |
| 23 - 30 | Vaganzi tal-Għid |
| 31 | Festa Pubblika |

| April 2016 | |
|---|---|
| 1 | Ħarġa tal-Istorja għall-istudenti kollha tas-7 Sena |
| 5 | Mathematics Trail fl-Imdina għall-klassijiet 8.1, 8.2 u 8.3 |
| 7 | *Fieldwork* tal-Ġografija fil-Park tal-Majjistral għall-istudenti tal-Klabb tal-Ġografija |
| 11 - 15 | Ġimgħa ddedikata għal-lingwa Maltija |
| 13 | *Spellathon* għall-istudenti tal-Franċiż tas-7 Sena |
| 14 | ICCS 2016 |
| 20 | *Spellathon* għall-istudenti tal-Franċiż tas-7 Sena |
| | Back up sessions ICCS |
| 21 | Żjara f'St Vincent de Paule għal selezzjoni ta' studenti tar-4 Sena |
| 22 | Taħdita dwar l-AFM għall-istudenti kollha tar-4 Sena |
| 27 | ACTS għall-istudenti tar-4 Sena |
| | Turnament tal-Volibol fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera (selezzjoni ta' studenti mis-7 u t-8 Sena) |

*N.B. Il-programm jista' jinbidel matul is-sena skolastika skont il-ħtieġa.



# TIME-TABLE TAL-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA - FRAR 2016

| | | IL-ĦAMIS 11ta' FRAR | IL-ĠIMGĦA 12ta' FRAR | IT-TNEJN 15ta' FRAR | IT-TLIETA 16ta' FRAR | L-ERBGĦA 17ta' FRAR | IL-ĦAMIS 18ta' FRAR | IL-ĠIMGĦA 19ta' FRAR | IT-TNEJN 22ta' FRAR | IT-TLIETA 23ta' FRAR | L-ERBGĦA 24ta' FRAR |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **IS-7 SENA** | **L-1 sessjoni** | **JUM TA' STUDJU** | Lingwi barranin | Malti | Reliġjon | Ingliż | M'HEMMX EŻAMI | Matematika | ORALI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI |
| | **It-2 sessjoni** | | Xjenza | Ġografija | Studji Soċjali | Storja | M'HEMMX EŻAMI | ICT | ORALI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI |
| | **It-3 sessjoni** | | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI |
| **IT-8 SENA** | **L-1 sessjoni** | | Xjenza | Lingwi barranin | Ingliż | Malti | Matematika | ORALI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI |
| | **It-2 sessjoni** | | Storja | ICT | Ġografija | Reliġjon | Studji Soċjali | ORALI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI |
| | **It-3 sessjoni** | | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI |
| **IT-3 SENA** | **L-1 sessjoni** | | GC/Kimika | Fiżika | Lingwi barranin | Matematika | Malti | Ingliż | Bijoloġija/ Accounts | ORALI | PE/ Storja *Opt* |
| | **It-2 sessjoni** | | Ġografija *Opt*/ Studji Soċjali *Opt* | Reliġjon | ICT | Studji Soċjali *Gen* | Storja *Gen* | Ġografija *Gen* | Studji Ewropej | ORALI | CS/DT/ Mużika |
| | **It-3 sessjoni** | | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | BS | M'HEMMX EŻAMI | HE *Opt* | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI |
| **IR-4 SENA** | **L-1 sessjoni** | | Fiżika | Ingliż - Lang | Matematika | GC/BS/Studji Ewropej/ Kimika | Lingwi barranin | Malti | Letteratura Ingliża / Ingliż P2 | Taljan 2 Sena / Accounts / Bijoloġija | ORALI |
| | **It-2 sessjoni** | | Reliġjon | Storja *Gen* | Studji Soċjali *Gen* | HE | Ġografija *Gen* | ICT | Ġografija *Opt* /Studji Soċjali *Opt* | Storja *Opt* | ORALI |
| | **It-3 sessjoni** | | M'HEMMX EŻAMI | CS/DT/ Mużika | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | PE | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI |
| **IL-5 SENA** | **L-1 sessjoni** | **ORALI** | Ingliż - Lang. | Matematika | Malti | Taljan | Fiżika | Franċiż | Bijoloġija/ GC | Letteratura Ingliża | Spanjol |
| | **It-2 sessjoni** | | Ġermaniż | Studji Soċjali *Gen* | Storja *Gen* | Ġografija *Gen* | Ingliż P2 | PE | Reliġjon | HE | Kimika/BS |
| | **It-3 sessjoni** | | M'HEMMX EŻAMI | DT | Ġografija *Opt* | CS | Storja *Opt* | Mużika | Studji Soċjali *Opt* | Textile Studies | Studji Ewropej |

**Taqsiriet** – BS (Business Studies); CS (Computer Studies); DT (Design & Technology); PE (Physical Education); GC (Graphical Communication); HE (Home Economics)

# KIF TGĦIN TARBIJA F'KAŻ LI TKUN QED TIFGA

Filwaqt li l-adulti juru b'mod ċar li jkunu qed jifgaw billi jżommu għonqhom, fil-każ tat-trabi taħt is-sena, is-sintomi jrid jagħrafhom l-adult li jkun qed jieħu ħsiebhom. Is-sintomi jinkludu bdil fil-kulur tal-wiċċ u l-għonq u ħsejjes strambi jew nuqqas ta' ħoss. Tista' tinnota t-tarbija tipprova tibki u ma tistax.

Biex tgħin tarbija li qed tifga, l-ewwel għandek iżżomm it-tarbija wiċċha 'l isfel u tagħtiha ħames daqqiet fuq daharha bejn il-ġwienaħ. Żomm f'moħħok li minkejja li d-daqqiet qed tagħtihom biex taqla' l-oġġett li qed jifga t-tarbija, ma tistax tuża saħħa eċċessiva għax tweġġa' iktar lit-tarbija.



Jekk it-tarbija tibqa' ma tneħħix l-oġġett, dawwar lit-tarbija wiċċha 'l fuq u agħtiha ħames għafsiet fuq sidirha. M'għandekx tagħfas iktar minn terz tal-wisgħa ta' sider it-tarbija.

F'każ li t-tarbija tibqa' tifga, irrepeti l-proċeduri kollha sa tliet darbiet. Jekk tara li dan xorta ma ħadimx, ċempel 112 u ibqa' rrepeti l-istess proċeduri sakemm tasal l-għajnuna.



*Is-Sur A.Muscat*
*Is-Sa K.Callus*
Għalliema tas-Saħħa u Sigurtà

# TREKKING GĦALL-ISTUDENTI







Għal sena oħra d-Dipartiment tal-Edukazzjoni Fiżika organizza numru ta' ħarġiet bil-għan li jippromwovi t-*trekking* fost l-istudenti mill-Ewwel sar-Raba' Sena fin-naħa ta' fuq ta' Malta. Attendew ammont kbir ta' studenti li lkoll ħadu esperjenza ta' partijiet differenti li nsibu f'pajjiżna b'veduti mill-isbaħ. Fid-19 ta' Novembru l-istudenti tal-Ewwel Sena telqu minn Għajn Tuffieħa u mxew lejn il-park tal-Majjistral u l-Manikata u spiċċaw in-naħa tar-Riviera. Fit-2 ta' Diċembru l-istudenti tat-Tieni Sena bdew mill-Imtarfa, għaddew mill-Victoria Lines, iċ-Chadwick Lakes u spiċċajna d-Dwejra.

Fl-10 ta' Diċembru l-istudenti tar-Raba' sena marru fuq rotta differenti, fejn bdew mill-Mistra sal-Mellieħa, fejn anke raw mill-viċin il-gżejjer ta' San Pawl. Fid-29 ta' Frar jonqos l-aħħar ħarġa tat-*trekking* għal din is-sena skolastika li se tkun organizzata għall-istudenti tat-Tielet sena fejn se jkunu qegħdin jimxu r-rotta tal-Baħrija. L-iskop ta' dawn il-ħarġiet huwa li noffru esperjenza differenti lill-istudenti, fejn l-għan prinċipali tagħha huwa li nħajru lill-istudenti tagħna jkunu fiżikament aktar attivi filwaqt li jiskopru partijiet diversi tal-gżejjer tagħna li ma tantx ikollhom ċans iżuru filwaqt li jgawdu u jitgħallmu japprezzaw is-sbuħija naturali ta' pajjiżna.

*Mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni Fiżika*



# ŻJARA FIL-FABBRIKA TAL-BENNA (MALTA DAIRY PRODUCTS)

Il-grupp tal-istudenti tat-Tielet u r-Raba' Sena tal-*options* Studji Ewropej u Studji Soċjali marru żjara ġewwa l-fabbrika tal-Benna (Malta Dairy Products) biex jitgħallmu iktar dwar is-setturi tal-ekonomija. Għażilna l-fabbrika tal-Benna għall-fatt li l-istudenti setgħu jitgħallmu dwar il-proċess tal-produzzjoni tal-ħalib mill-bidu sat-tmiem tiegħu. Fil-bidu l-istudenti qagħdu fil-*conference room* fejn impjegat tal-MDP urihom vidjow u spjegalhom kif il-bdiewa jieħdu ħsieb il-baqra biex imbagħad ikunu jistgħu jieħdu l-ħalib kuljum filgħodu kmieni sabiex wara jigi trasportat lejn il-fabbrika tal-MDP fil-Ħamrun. L-istudenti kienu interessati ferm biex jaraw x'jiġri mill-ħalib la darba jasal fil-fabbrika.










L-impjegat spjega kif il-ħalib jitħallat meta jasal il-fabbrika kuljum filgħodu kmieni u jieħdu kampjuni biex jittestjaw għal xi mard li seta' jkun trasmess mill-baqra. Kienet interessanti wkoll li jaraw il-ħalib jiġi ppakkjat. Wara din ħadhom dawra fil-fabbrika fejn raw kif issir il-produzzjoni tal-*yoghurt*.

Fl-aħħar ma setax jonqos ukoll li jduqu l-ħalib frisk preparat mill-kumpanija Malta Dairy Products.



*Is-Sa R. Fenech*
Għalliema

# CRÊPES U GAUFRES




Meta student jitgħallem lingwa, irid iżomm f'moħħu li qed jitgħallem xi ħaġa ħajja; għodda li biha jista' jikkomunika ma' nies oħra ġejjin minn pajjiżi differenti. Li titgħallem dwar il-kultura tal-pajjiż huwa importanti wkoll, tant li bħala għalliema tal-Franċiż nemmnu li l-kultura hija parti essenzjali mit-tagħlim tal-lingwa. Din ma tistax tinqata' għaliha u fejn nistgħu, nippruvaw ngħinu lill-istudenti jifhmu u jitgħallmu dwar tradizzjonijiet differenti.



F'Novembru li għadda, bħala parti mill-ġimgħa ddedikata għal-lingwi, tellajna attività li kienet tinvolvi kemm lill-istudenti kif ukoll lill-ġenituri tagħhom. Dawn ġew mistiedna jattendu għal lezzjoni partikolari fejn setgħu jisimgħu informazzjoni dwar Franza kif ukoll jaraw lil uliedhom isajru il-*crêpes*. Fil-fatt, il-lezzjoni bdiet bi spjegazzjoni tar-riċetta tal-*crêpes*. Imbagħad l-istudenti bdew jirrispondu mistoqsijiet dwar il-kultura Franċiża biex jingħataw l-opportunità li jsajru l-*crêpes*. Kienet attività li tatna sodisfazzjon għax il-ġenituri apprezzaw ferm il-fatt li ġew involuti fil-lezzjoni u li setgħu jesperjenzaw dak li jsir fil-klassi ta' wliedhom. Kellna wkoll kummenti pożittivi ferm dwar it-tagħlim u l-ambjent fl-iskola.



Għal Diċembru ħriġna b'xi ħaġa ġdida. Wieħed mill-pajjiżi li jmiss mal-fruntiera Franċiża huwa l-Belġju. Kull min żar dan il-pajjiż jaf li żewġ affarijiet li jittieklu ta' spiss huma l-maskli (*mussels*) u l-*waffles* li huma magħrufin bħala *gaufres*. Peress li l-Belġju huwa pajjiż frankofonu, jiġifieri pajjiż fejn hu mitkellem il-Franċiż, din is-sena ddeċidejna li nintroduċu xi ħaġa ġdida għas-suq tal-Milied: il-*waffles*. L-idea ntgħoġbot mill-istudenti li kkonkorrew bi ħġarhom dakinhar u sfortunatament kien hemm min anke ma laħaqx xtara, tant id-domanda kienet kbira. Dan sinjal li jipprometti tajjeb għall-attivitajiet li ġejjin fil-futur qrib. Fil-fatt, malli bdejna s-sena, l-istudenti diġà staqsewna "X'għandna tajjeb dan it-term?" Nistennew u naraw.



*Mid-Dipartiment tal-Franċiż*

# MALTA JUNIOR SCIENCE OLYMPIAD



Għat-tieni sena konsekuttiva, l-iskola tagħna reġgħet ipparteċipat fil-Malta Junior Science Olympiad, grazzi għall-istudenti Kurt Psaila, Ryan Psaila u Owen Vella mill-klassi 5.1. Din hi kompetizzjoni miftuħa għal dawk l-istudenti tal-Ħames Sena li għandhom għal qalbhom ix-xjenza u jaspiraw li jkomplu jistudjaw f'dan il-qasam. Kull sena din il-kompetizzjoni jkollha tema; ta' din is-sena kienet fuq 'id-dawl'. L-istudenti tagħna ngħaqdu mal-aqwa studenti li jitgħallmu x-xjenza minn skejjel oħra madwar Malta u Għawdex. Din l-attività saret fil-laboratorji tal-Kulleġġ Santa Tereża Skola Sekondarja tal-Imrieħel. Kull tim kellu ħin stipulat biex jagħmel esperimenti, rapporti fuq



l-esperimenti u jwieġeb mistoqsijiet fl-oqsma tal-Fiżika, Kimika u Bijoloġija. It-tim rebbieħ irid iġib l-iżjed marki fl-inqas ħin possibbli. Għalhekk, sabiex it-tim jiggwadanja l-ħin, irid jinqasam ix-xogħol bejn it-tliet parteċipanti. Dawn il-parteċipanti ġew magħżula skont l-abbiltà tagħhom fit-tliet suġġetti msemmija. Kurt, Ryan u Owen ippreparaw ruħhom sew għal din il-kompetizzjoni billi studjaw sew in-noti fuq it-tema tad-dawl u għamlu riċerka dwar esperimenti li għandhom x'jaqsmu ma' din it-tema. Dan għenhom sabiex ikunu kunfidenti, jwieġbu mistoqsijiet u jagħmlu l-eżerċizzji mitluba waqt il-kompetizzjoni. L-istudenti tagħna kellhom kummenti pożittivi fuq din l-attività. Kienet kompetizzjoni għal min jifhem sew ix-xjenza kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika, b'mistoqsijiet fuq kif ix-xjenza tiġi applikata fil-ħajja ta' kuljum. Kompetizzjonijiet bħal dawn jagħtu ċans lill-istudenti jesprimu l-abbiltà tagħhom fis-suġġett, apparti li jkomplu jitgħallmu mill-esperjenza fiha nnifisha. L-istudenti ħassewhom kburin li rrappreżentaw l-iskola tagħna f'kompetizzjoni fuq livell nazzjonali.

Nittamaw li matul is-snin l-iskola tagħna tkompli jkollha studenti li juru interess li jieħdu sehem f'attivitajiet bħal dawn.

*Is-Sa D. Griscti*

Għalliema





# KIF TNIŻŻEL IL-KARTI TAL-EŻAMIJIET MILL-WEBSAJT

Bħas-sena skolastika li għaddiet, l-istudenti li jattendu l-iskola tagħna għandhom l-opportunità li jniżżlu l-karti tal-eżamijiet tas-snin imgħoddija biex jippreparaw ruħhom sew  għall-eżamijiet ta' nofs is-sena. Huma jistgħu jagħmlu dan billi jsegwu dawn l-istruzzjonijiet:

1. Ikteb l-indirizz tal-websajt tal-iskola fil-programm tal-Internet tiegħek.




2. Mill-*homepage* tal-iskola, agħfas il-buttuna KSB Half Yearly Exam Papers li tinsab fuq in-naħa tax-xellug taħt it-titlu Quick Links.







3. Malli tidħol fil-paġna KSB Half Yearly Exam Papers, agħżel is-sena, is-suġġett u l-*form* tal-karta tal-eżami li tkun trid tniżżel.




4. Malli tara l-karta tal-eżami fuq l-iskrin, agħfas il-buttuna *download* biex tniżżel il-karta tal-eżami fuq il-kompjuter tiegħek jew inkella agħfas il-buttuna *print* biex tipprintjaha mingħajr ma tissejvjaha fuq il-kompjuter.

Il-karti tal-eżamijiet se jkunu fuq il-websajt mill-1 ta' Diċembru. Jekk issib xi diffikultajiet, kellem lill-għalliem/a tiegħek tal-ICT.

*Is-Sur A. Galea*
Webmaster tal-Iskola

# DELIZIE NATALIZIE



Wieħed mill-iżjed argumenti li jinteressa lill-istudenti tat-Taljan huwa dak tal-ikel. Meta fit-tieni sena l-istudenti jistudjaw dwar dan is-suġġett iktar fid-dettall, aħna l-għalliema ma nħobbux inxennquhom biss bl-istampi u l-vidjows u ma ndewquhom xejn. Dejjem emminna li l-esperjenzi huma l-aħjar mod kif titgħallem u b'hekk is-sena l-oħra ġietna l-idea li nagħmlu attività relatata mal-ikel tal-Milied. Kellna suċċess li lanqas aħna ma stennejnieh u din is-sena ma stajniex nonqsu milli nirrepetu din l-attività u norganizzawha b'mod aħjar.

Din l-attività, bl-isem Delizie Natalizie, saret qabel il-vaganzi tal-Milied, fejn tliet klassijiet tat-Tmien Sena kellhom lezzjoni b'differenza. Għal din il-lezzjoni ġew mistiedna wkoll il-ġenituri li setgħu jipparteċipaw kemm fil-lezzjoni ma' wliedhom kif ukoll fl-attività li saret wara. Il-lezzjoni kienet dwar il-Pandoro, ħelu tipiku Taljan ta' żmien il-Milied. Wara li saru jafu iktar dwar dan il-ħelu tipiku Taljan, l-istudenti, flimkien mal-ġenituri, kellhom iċ-ċans jgħinu għall-attività li kienet ser issir fil-brejk, billi jqattgħu u jdellku l-Pandoro bin-Nutella. M'hemmx xi ngħidu, l-istudenti żgur mhux se jinsew din il-ġurnata.





Fil-ħin tal-brejk, l-istudenti kollha tal-iskola kellhom l-opportunità li jduqu biċċa Pandoro (ħelu tipiku tal-Veneto) bin-Nutella, li hija wkoll prodott Taljan. Kif kien mistenni, malli daqqet il-qanpiena tal-brejk, l-istudenti ħonqu l-klassijiet tat-Taljan, fejn kien hemm atmosfera verament sabiħa b'diski u tiżjin tal-Milied. L-entużjażmu li naraw dejjem jimliena b'kuraġġ u enerġija li nkomplu norganizzaw attivitajiet oħra simili u naħdmu għall-ġid tal-istudenti.

*Id-Dipartiment tat-Taljan*





Matul ix-xahar ta' Novembru u fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru, id-Dipartiment tal-Ġermaniż organizza tliet ħarġiet fuq stedina tal-German-Maltese Circle sabiex l-istudenti kollha li jitgħallmu l-Ġermaniż fl-iskola tagħna jkollhom l-opportunità jaraw film bil-Ġermaniż. Il-film li ntwera din is-sena kien iġib l-isem ta' Ostwind u kien jittratta l-istorja ħelwa ta' żiemel li kien perikoluż minħabba li kien daqsxejn salvaġġ u r-relazzjoni li kellu ma' Mika – studenta li kienet intbagħtet mill-ġenituri tagħha għand in-nanna biex tagħmel sajf tistudja minħabba li kienet marret ħażin fl-eżamijiet.
Meta waslet sabet li n-nanna tagħha - li kienet stretta u ddixxiplinata ħafna – kienet tittrenja lill-istudenti għall-kompetizzjonijiet taż-żwiemel. Mika jirnexxilha tikkalma lil Ostwind u fl-aħħar tal-istorja tispiċċa anke tipparteċipa f'kompetizzjoni.
Il-film niżel tajjeb mal-maġġoranza tal-istudenti u kien hemm ukoll min saħansitra ħarġitlu xi demgħa daqskemm ħassewhom emozzjonati. Bla dubju li kien film sabiħ b'xenarju mill-isbaħ tal-kampanja Ġermaniża mżewwaq ukoll b'mużika mill-aqwa.
Wara l-film inġabru xi kummenti mingħand l-istudenti u dawn huma wħud mill-aktar kummenti komuni:
"Huwa film sabiħ ħafna għalkemm l-aħħar parti hija naqra tal-biki."
"Film li jissimbolizza l-ħbiberija bejn il-bniedem u l-annimal."
"Film adattat għat-tfal u anke għall-adulti u min ma rahx nissuġġerixxi li jarah."



"Jiena nirrakkomanda dan il-film lil kull min iħobb l-annimali, il-familja u min jixtieq jara film bi storja u b'tagħlima mill-aqwa."
"Għandna naħfru u ngħinu lil min jagħmlilna d-deni."
"Qatt m'għandna naqtgħu qalbna biex nilħqu dak li nixtiequ."
"Dan il-film għallimni li fil-ħajja ma tistax taqta' qalbek."
"Jien tgħallimt li ż-żwiemel huma bħal mera. Jaġixxu skont kif tittrattahom."
"Tgħallimt li m'għandniex ngħiru u li meta nidħlu f'kompetizzjoni, mhux bilfors ser nirbħu imma l-importanti li nieħdu gost."

*Is-Sa P. Callus*
Għalliema




**Bord Editorjali:**

| | |
|---|---|
| Assistenta Kap: | *C. Pisani Grixti* |
| Disinn: | *A. Galea* |
| Fotografi: | *D. Bezzina, J. Farrugia, V. Zammit* |
| Issettjar: | *A. Galea, J. Azzopardi* |
| Qari tal-Provi: | *W. Incorvaja, S. J. Polidano* |
| | *C. Tanti, J. Brincat, D. Dimech* |
| Tradutturi: | *D. Bezzina, K. Callus, R. Galea* |
| Stampar: | *C. Cassar* |